# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar l-Erbgha 14 t'Ottubru 2015**

**Mandat Numru : 1516/2015/1 JPG**
**Kawza numru : 20**

**Mary Sammut [K.I.nru 319354M] mizzewga ma' Emanuel Sammut, bint il-mejtin Joseph u Carmela konjugi Portelli, imwielda l-Imsida fis-6 t'April, 1954 u residenti 101, Triq il-Kuncizzjoni, Imsida**

**Vs**

**Gerald Portelli [K.I. nru 285560M] iben il-mejtin Joseph u Carmela konjugi Portelli, imwieled l-Imsida fil-15 t'April, 1960 u residenti Solitaire, Triq Antonio Bosio, Imsida u Paul Portelli [K.I. nru 807256M] iben il-mejtin Joseph u Carmela konjugi Portelli, imwieled l-Imsida fl-4 ta' Dicembru, 1956 u residenti 62, Flat 6, Xatt l-Imsida, Imsida**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Mary Sammut tal-25 ta' Settembru 2015 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*IlIi l-esponenti, sabiex jilkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli*

*tipotekaw, tbieghu, tnehhu, tittrasferixxu jew bi kwalunkwe mod iehor tiddisponu jew taghtu xi jeddijiet inter vivos u/jew causa mortis, ikunu ta' liema natura ikunu, inkluz kirjiet jew koncessjonijiet b'titolu oneruz jew gratwitu fuq:*

*(i) Il-**fond** ufficjalment immarkat bin-numru erbgha u sebghin [74] u bl-isem ta' "solitaire"kif ukoll il-garage ufficjalment immarkat bin-numru tnejn u sebghin (72), Triq Antonio Bosio, gewwa l-lmsida, kif ahjar deskritt u indikat fil-kuntratt datat 11 ta' Lulju, 2011 [vide "**Dok: B**" anness] li llum-il gurnata jappartjeni lill-intimat Gelald Portelli; u*

*(ii) il-**garage** ufficjalment immarkat bin-numru hamsa u tletin (35), ittra "A", Sait Louis Street gewwa l-lmsida, kif ahjar deskritt u indikat fil-kuntratt datat 11 ta Lulju, 2011 [vide "**Dok: A**" anness] li llum-il gurnata jappartjeni lill-intimat Paul Portelli.*

*Illi l-hrug tal-mandat qieghed jintalab in vista tas-segwenti fatti:*

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimati huma ahwa u huma, flimkien ma' Joyce Mifsud, l-unici ulied tad-defunti Joseph u Carmela konjugi Portelli, li gew nieqsa fit-23 ta' April, 2015 u fld-9 ta' Lulju , 2012 b'mod rispettiv, hekk kif jirrizulta mill-annessi certifikati tal-mewt [vide "**Dok: C**" u "**Dok: D**" hawn annessi].*

2. *Illi l-genituri tal-partijiet odjerni kienu ghamlu l-ahhar testament unica charta taghhom fis-7 ta' Dicembru, 2011 in atti tan-Nutar Joseph Debono fejn, inter alia, kienu hallew lill-intimati bhala werrieta universali u padruni assoluti ta' gidhom kollu presenti u futur, filwaqt li hallew is-sehem rizervat lill-prezenti rikorrenti u lil ohtha Joyce Mifsud, liema sehem gie kwantifikat fl-ammont ta' €2,500.00c ghall kull wahda minnhom, pagabbli a saldu ta' l-istess sehem rizervati lvide "**Dok: E**" hawn anness].*

3. *Illi t-testament unica charta tas-7 ta' Dicembru, 2011 in atti tan-Nutar Joseph Debono hu l-ahhar volonta ta' Joseph u martu Carmela Portelli hekk kif jattestaw ir-ricerki relattivi fir-Registru Pubbliku u fil-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) lvide "**Dok: F.1", "Dok: F.2", "Dok: G.1" u "Dok: G.2**" hawn anness].*

4. *Illi l-patrimonju tad-defunti Joseph u martu Carmela Portelli kien tali illi s-sehem rizervat spettanti bil-ligi a favur tar-rikorrenti kien jissupera c-cifra li t-testaturi hallewlha a saldu ta' sehemha mis-sehem rizervat. Ghalhekk, id-disposizzjonijiet testamentarji jilledu is-sehem rizervat li kienet tispetta lir-rikorrenti in virtu ta' l-Artt. 615 u 616 tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta].*

5. *Illi qabel mewthom, t-testaturi kienu taw b'titolu ta' donazzjoni lill-intimati l-unici proprjetajiet li l-istess testaturi kellhom. Illi skond il-ligi, tali donazzjonijiet, fost hwejjeg ohrajn inkluzi flejjes, ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni u komprizi fil-massa ereditarja biex jigi komputat u likwidat is-sehem rizervat spettanti lill-atturi. Dan in virtu, inter alia, ta' l-Art. 620(3) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta].*

6. *Illi in vista li tezisti lezjoni tas-sehem rizervat li jispetta lir-rikorrenti, hemm lok li ssir ir-rijunjoni fittizzja tal-patrimonju tat-testaturi sabiex jigi stabbilit is-sehem rizervat li jmiss lir-rikorrenti.*

7. *Illi fil-fatt, kontestwalment mal-prezenti mandat, ir-rikorrenti intavolat rikors guramentat (kawza) fejn qed tressaq il-pretensjonijiet taghha biex is-sehem rizervat jigi individwat, kwantifikat u kalkolat [vide "**Dok: H**" hawn anness]. Dan necessarjament irendi l-akkoljiment tal-prezenti mandat bhala mehtieg, peress li fil-proceduri gudizzjarji ghandha tigi mistharrga l-massa ereditarja tad-defunti, inkluzi ta' dawk l-oggetti li l-istess testaturi jkunu ddisponew minnhom f'hajjithom u b'mod gratuwitu.*

8. *Illi z-zewg proprjetajiet hawn fuq deskritti kienu jppartjenu lill-genituri tal-kontendenti u kienu gew trasferiti b'titolu gratuwitu inter vivos lil-intimati, hekk*

*kif attestat mill-kuntratti relattivi annessi mal-prezenti [vide "**Dok: A**" u "**Dok: B**" hawn annessi].*

9. *Illi fi zmien recenti r-rikorrenti saret tafu li l-intimati behsiebhom (jew huma serjament inklinati) ibieghu, jaljenaw jew jitrasferixxu l-imsemmija proprjetajiet immoblijari lvide "**Dok: I.1**" u "**Dok: I.2**" annessi]. Certament tali trasferiment/i ser jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti pretizi fil-kawza minnha kontestwalment imressqa u l-istess rikorrenti ghandha kull interess li tikkawtela d-drittijiet taghha fuq il-proprjetajiet immobiljari in kwistjoni sakemm jigu decizi dawk il-proceduri gudizzjarji illi gja' saret referenza ghalihom aktar kmieni.*

10. *Illi minhabba n-natura tal-vertenza odjerna huwa necessarju illi dina l-Onorabbli Qorti tilqa' l-odjerna talba provvizorjament ai termini tal-Art.875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana sakemm l-istess talba tigi deciza definittivament.*

***Ghaldaqstant** ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tinibixxi lill-intimati milli jipotekaw u/jew jirrilaxxjaw il-pussess ta' tali proprjetajiet u/jew li jassenjaw jew jaljenaw bi kwalsiasi titolu jew bi kwalsiasi dritt reali jew personali fuq l-istess proprjetajiet fuq deskritti, jew xi parti minnhom, favur terzi persuni pendenti l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji surreferiti u dan biex ma jigix b'xi mod pregudikat irremedjabbilment id-drittijiet u rimedji eventwali tar-rikorrenti li jinsabu awanzati fi proceduri appoziti, kontestwalment prezentati.*

*Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta'inibizzjoni sabiex izommu mi1li jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija."*

Rat id-digriet tal-25 ta'Settembru 2015 illi bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza fl-14 t'Ottubru 2015 fis-1:00pm;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 t'Ottubru 2015, li permezz tieghu l-intimati ma kellhomx oggezzjoni ghal hrug tal-Mandat t'Inibizzjoni u ammettew t-talba attrici;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-mandat;

Qieset ir-ragunijiet li wasslu lir-rikorrenti sabiex tressaq dan il-procediment;

Qieset illi r-ragunijiet li wasslu lir-rikorrenti biex taghmel it-talba taghha mhumiex kontradetti, anzi huma ammessi mill-intimati;

Billi jissussistu r-rekwiziti tal-Art. 873 tal-Kap. 12 ghall-hrug tal-Mandat;

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta. Konsegwentement qeghda tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimati fit-termini mitluba mir-rikorrenti. Tordna lill-intimati sabiex jhallasu l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.

In oltre ai termini ta' Artikolu 874 (3) tal-Kapitolu 12, il-Qorti qedgha tinnomina lin-Nutar Dr. Marco Burlo, a spejjez tar-rikorrent, sabiex l-istess Nutar, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha, tinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbiku u lir-Registratur tal-Artijiet bl-atti ta' dan il-Mandat t'Inibizzjoni;

Moqrija

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**